

**Brussell, 24 ta' Ottubru 2022
(OR. en)**

**13980/22
ADD 1**

**EF 316
ECOFIN 1086
DELECT 193**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	24 ta' Ottubru 2022
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2022) 7536 final - ANNEX
Suġġett:	ANNEX tar- REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) li jemenda l-istandards tekniċi regolatorji stabbiliti fir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 153/2013 fir-rigward ta' miżuri temporanji ta' emerġenza dwar ir-rekwiżiti kollaterali

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2022) 7536 final - ANNEX.

Mehmuż: C(2022) 7536 final - ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.10.2022
C(2022) 7536 final

ANNEX

ANNEX

tar-

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE)

li jemenda l-istandards tekniċi regolatorji stabbiliti fir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 153/2013 fir-rigward ta' miżuri temporanji ta' emerġenza dwar ir-rekwiżiti kollaterali

ANNEX

Fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) Nru 153/2013, tiddaħħal it-Taqsima 2a li ġejja:

“TAQSIMA 2a

Garanziji Pubbliċi

Sa [OP: *daħħal id-data li hija 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*], garanzija pubblika li ma tissodisfax il-kundizzjonijiet għal garanzija tal-bank ċentrali stabbiliti fit-Taqsima 2, il-paragrafu 2, għandha tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin biex tiġi aċċettata bħala kollateral skont l-Artikolu 46(1) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012:

- (a) din tinħareġ jew tiġi garantita b'mod espliċitu minn kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:
 - (i) gvern ċentrali fiż-ŻEE;
 - (ii) gvernijiet reġjonali jew awtoritajiet lokali fiż-ŻEE, meta ma jkun hemm l-ebda differenza fir-riskju bejn skoperturi ta' gvernijiet reġjonali jew awtoritajiet lokali u l-gvern ċentrali ta' dak l-Istat Membru minħabba s-setgħat speċifiċi ta' ġbir ta' dħul ta' dawk tal-ewwel, u l-eżistenza ta' arranġamenti istituzzjonali speċifiċi li l-effett tagħhom ikun li jnaqqsu r-riskju ta' inadempjenza tagħhom;
 - (iii) il-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja, il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà, jew l-Unjoni, fejn applikabbli;
 - (iv) bank multilaterali tal-iżvilupp kif elenkat fl-Artikolu 117(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*¹ u stabbilit fl-Unjoni;
- (b) is-CCP tista' turi li għandha riskju ta' kreditu baxx ibbażat fuq valutazzjoni interna mis-CCP;
- (c) hija denominata f'waħda mill-muniti li ġejjin:
 - (i) munita li s-CCP tista' turi lill-awtoritajiet kompetenti li hija kapaċi timmaniġġja r-riskju tagħha;
 - (ii) munita li biha s-CCP tikklerja tranżazzjonijiet, fil-limitu tal-kollateral meħtieġ għall-kopertura tal-iskoperturi tas-CCP f'dik il-munita;
- (d) hija irrevokabbli, mhix kondizzjonata u l-entitajiet emittenti u garanti ma jistgħu jinvokaw l-ebda eżenzjoni jew difiża ġuridika jew kuntrattwali li topponi l-pagament tal-garanzija;
- (e) tista' tiġi onorata fil-perjodu ta' likwidazzjoni tal-portafoll tal-membru tal-ikklerjar inadempjenti li jipprovdha mingħajr ebda restrizzjoni regolatorja, ġuridika jew operazzjonali jew mingħajr pretensjoni ta' parti terza għaliha.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

Għall-finijiet tal-punt (b), is-CCP għandha tuża, fit-twettiq tal-valutazzjoni msemmija f'dak il-punt, metodoloġija defnita u oġġettiva li ma għandhiex tiddependi bis-sħiħ fuq opinjonijiet esterni.”